MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 16/1993/1

**Avviz numru 16/1993**

**Annunziato sive Nazju Pace**

**-vs-**

**Goerge Zammit u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom Dorothy Sims, Stephen Fava u Albert E. Cardona bahal diretturi tal-kumpanija "Fogg Limited" ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza ta' l-istess u b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1993 Patri Antonio Mifsud, Joseph Aquilina, Antonio Ellis, Joe Cardona u Michael Azzopardi gew kjamati fil-kawza**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati in solidum bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' mija u sebgha u disghin lira u hamsin centezmu (Lm197.50) u dana in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm185.50) hsarat ikkagunati fil-vettura ta' l-attur tat-tip AUDI (numru tar-registrazzjoni T5685(M)) meta l-konvenuti fit-tmienja ta' Dicembru 1991 fil-Pjazza ta' San Frangisk, Rabat, Ghawdex waqt il-festa tal-Kuncizzjoni harqu jew ippermettew li tinharaq kaxxa musketterija f'lokalita' projbita ghall-istess fini u cioe' fl-istess pjazza, liema incident ghalhekk gara unikament minhabba traskuragni grassa u non osservanza tar-regolamenti da parti taghhom u li ta' liema incident l-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli u dana prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghall-incident de quo.

Barra minn dana jridu jwiegbu ukoll ghaliex m'ghandhom ikunu kkundannati li jhalsu wkoll is-somma ta' tnax-il lira (Lm12.00) prezz tas-surveyor's report u dana skond l-ircevuti kollha hawn annessi u markati Dokument A, B u C.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-20 ta' Frar 1992 u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti proprio u kif rapprezentati ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharka.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dorothy Simms, Stephen Fava u Albert E Cardona bhala diretturi tal-kumpanija Fogg Limited, ghan-nom, fl-interess u in rapprezentantanza ta' l-istess fejn eccepew:

1. illi fil-kawzali l-attur qed jiddikjara illi l-musketterija giet mahruga f'lokalita' ipprojbita. F'kaz tali, il-konvenut l-iehor, Gorg Zammit, ma jigix kopert b'polza ta' assikurazzjoni, billi l-eccipjenti jassiguraw biss b'kundizzjoni illi kollox isir skond il-ligi, u t-talba in konfront taghhom ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

2. illi f’kull kaz, ma jirrizultax illi l-konvenut Gorg Zammit kien b’xi mod negligenti, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

3. illi f’kull kaz, id-danni sofferti mill-attur huma bosta anqas minn dawk li qed jitlob.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gorg Zammit fejn eccepixxa:

1. illi kieku gara l-indicent de quo kien ikun gara unikament bi htija ta’ l-attur, stante li dana qabez barrier tal-Pulizija u pparkja fejn kienet qed issir il-festa.

2. illi f’kull kaz, il-karozza ta’ l-attur ma gralha xejn.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal taghha diversament presduta (folio 13) fejn il-konvenut George Zammit eccepixxa ulterjorment illi stante li hu ma kien bl-ebda mod involut f’dan il-kaz talab li jigi liberat mill-osservanza.

Rat l-istess verbal fejn kienu innominati Dr Carmelo Galea bhala perit legali u Joe Zammit bhala perit tekniku.

Rat il-verbal tad-29 ta’ Ottubru 1993 fejn fuq talba tal-konvenut George Zammit gew kjamati fil-kawza Patri Mifsud, Joseph Auqilina, Antonio Ellis, Joe Cardona u Michael Azzopardi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-imsemmija kjamati fil-kawza li eccepew:

1. preliminarjament illi t-talbiet attrici ddekadew bil-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. fil-mertu u minghajr pregudizzju, illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza.

Salvi eccezzjonjijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal taghha (folio 58) fejn irrevokat l-inkarigu tal-periti nominati u ordnat li l-kawza tinstema' quddiemha.

Rat il-verbal folio 79 u 80.

Ezaminat ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Il-kawza tittratta danni allegatament sofferti mill-attur fil-vettura tieghu konsegwenza ta' muskutterija li giet mahruqa fi Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex u tirrisali ghad-data tat-8 Dicembru 1991.

Illi l-azzjoni attrici tinsab indirizzata fil-konfront ta' George Zammit, Patri Anton Mifsud, Joseph Aquilina, Antonio Ellis, Joe Cardona u Michael Azzopardi bhala komponenti l-kumitat ta' dak iz-zmien tal-festa tal-Kuncizzjoni li kellha bhala parti mill-festivitajiet taghha ukoll il-hruq ta' musketterija mill-imsemmija pjazza, kif ukoll kontra s-socjeta' assikuratrici Fogg Insurance li kienet provdiet assikurazzjoni ghar-riskji lejn terzi persuni li konsegwenza tal-festivitajiet ikunu soffrew xi danni jigifieri assikurazzjoni fuq polza ta' "public liability".

Issa li din il-kawza inoltrat ruhha sal-lum huwa fatt spjacevoli, dana pero' wahda ma jolterax il-fatti li jinsabu in atti u li fil-fehma ta' din il-Qorti, anke bin-nuqqasijiet kollha li jistghu talvolta jikkontjenu l-atti, huma sufficjenti biex il-kawza illum issib l-ezitu finali taghha.

Fil-kuntest tal-provi l-Qorti hi tal-fehma li sokkombenti f'din il-kawza ghandu jkun l-attur. Bizzejjed jissemmew zewg fatturi li l-Qorti tikkonsidrahom bhala vitali:

1. li r-responsabbilita' ghad-danni, jekk il-kaz, topera se mai fil-konfront biss tal-konvenut Michael Azzopardi li kien hu, u hu biss minn fost il-konvenuti kollha li mmanifattura u haraq il-musketterija.

2. li skond xhieda ezistenti fl-atti dan Michael Azzopardi illum hu mejjet;

3. li s-socjeta' assikuratrici fuq skorta ta' ispezzjoni tad-danni mis-surveyor taghha kienet indirizzat pagament lill-attur ta' hamsin lira Maltin "ghas-saldu" li l-attur kien accetta, jekk accettahx kundizzjonatament hu, fil-fehma tal-Qorti, immaterjali stante li gie konferit ghas-saldu.

Illi fuq dawn il-fatturi biss din il-Qorti thoss li l-attur ma jistax jirnexxi f'din il-kawza u dan indipendentement minn kull eccezzjoni ohra.

Ghaldaqstant tiddeciedi li tichad it-talbiet ta' l-atturi;

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------